DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: ...........................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI .................................... DATA/DATI .......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

## IL-FESTA BIL-BANDIERI

*3 Att, 2 Xena, p.93 (M)*

### IL-MISSIER

**NISPARIXXI, QISNI FANTAŻMA.**

U int taħseb allura li jien nista' naqbad u nitlaq, hekk, nisparixxi, qisni fantażma f'xi ħrafa, qisni qatt m'eżistejt – hekk, kif u meta trid int?

Taħseb li jien bqajt hawn – li jien kont hawn – nistenna lilek? M'għaddielekx minn moħħok forsi li mhux jien bqajt – jew ġejt hawn – imma li *int ridtni* hawn? Għalfejn ftaħt dak in-notebook — dawk il-memorji minsija? Għalfejn bdejt tikteb?... Forsi mhux għax int stess ridtni niġi hawn— mhux għax ridtni nkun hawn int?...

U issa tiġi tgħidli nista' mmur... Imma mhux qabel tgħidli li x'isimha – li Tina – mhix Kattolka. Mhux qabel tgħidli li t-tfal mgħammdin iva, imma ma tridnix nindaħal... Għalfejn għedtli mela? Forsi mhux għax int qed tinkwieta... forsi mhux għax propju int tixtieqni li ngħidlek xi ħaġa? Li nagħtik xi parir?

Jekk tridni mmur, immur.

Għidha: Irridek titlaq. Mur. ċaw – ċaw, ċaw. Grazzi ta' kollox. Adieu! Itlaq! Għidha! *(141)*

PDF p.93

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ...........................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.